MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 22/2009

**Joseph Vella**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta’ appell tas-socjeta’ Bank of Valletta p.l.c. datat 13 ta’ Ottubru 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

### Introduzzjoni

Dan hu appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali li inghatat fl-ismijiet hawn fuq indikati fis-6 ta’ Ottubru 2009, liema decizjoni ggib in-numru 1965.

## Fatti

Il-fatti fil-qosor huma illi l-appellat odjern Joseph Vella (imsejjah appellant quddiem it-Tribunal, minn hawn ‘l isfel "Vella") kien gie illicenzjat wara li l-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju 2003 kienet ikkonfermat sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta’ Awwissu 2001 li permezz taghha Vella kien gie kkundannat ghal tmien (8) snin prigunerija u multa ta’ ghaxart-elef lira (Lm10,000) u dan wara li Vella instab hati ta’ assocjazzjoni sabiex ibiegh jew jittraffika d-droga u ta’ pussess tal-istess droga.

Il-Bank kien illicenzja lil Vella fid-29 ta’ Lulju 2003 *ai termini* ta’ klawzola fil-Ftehim Kollettiv vigenti dak iz-zmien li tipprovdi illi:

*L) TERMINATION OF EMPLOYMENT*

*Notwithstanding anything contained in the preceding sub clauses an employee, who has been found guilty by a court of law after the appeal stage and sentenced to a term of imprisonment exceeding one (1) month, may be automatically discharged from the Bank's employment by the Bank's Executive Committee after taking cognizance solely of the facts as proved before the court of law. This sub-clause will only apply to criminal offences which in way reflect on the employee's integrity, honesty and trustworthiness and render him unsuitable as a bank employee.*

Ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet illi Vella kien, fil-fatt, ikkundannat kif hawn fuq indikat jew illi l-klawzola *de quo,* jekk applikabbli ghalih, ma kenitx tali li tippermetti illi l-Bank jillicenzjah.

L-unika divergenza li kien hemm, milli jidher mid-dicitura tad-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali, kien dwar l-applikabilita` tal-klawzola, peress illi Vella kien qed jargumenta illi peress illi kien hemm process dixxiplinarju miexi, il-Bank ma kellux dritt illi japplika l-Ftehim Kollettiv meta dan gie mibdul b’mod illi jippermetti l-azzjoni li ha l-Bank.

Il-Bank, min-naha tieghu, argumenta illi l-fatt illi kien hemm process dixxiplinarju mhuwiex materjali ghall-kaz, peress illi s-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali nghatat wara li tbiddel il-Ftehim Kollettiv u ghaldaqstant il-fatt tas-sentenza fih innifsu u wahdu jiggustifika t-tkeccija skont il-kuntratt ta’ impieg (cioe` l-Ftehim Kollettiv) ta’ Vella.

Il-Ftehim Kollettiv vigenti fid-data li fih inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u fid-data, sussegwenti, meta tkecca Vella, hu dak applikabbli bejn l-1 ta’ Jannar 2002 u l-31 ta’ Dicembru 2004 u kien gie ffirmat fl-20 ta’ Novembru 2002.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali permezz tad-decizjoni appellata kien iddecieda illi Vella kien tkecca ingustament u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni li ghaliha wasal it-Tribunal, dan iddecieda kif gej. Id-dicitura tat-Tribunal *fid-decide* qieghda tigi riprodotta preciz kif giet redatta fid-decizjoni ffirmata:

*1. Id-decizjoni tal-management tal-Bank of Valletta li jxolji l-Board ta’ Dixxiplina saret bi ksur tal-procedura ta’ dixxiplina tal-Ftehim Kollettiv 1999-2001 u ghaldaqstant, il-penali ta’ terminazzjoni ta’ impieg deciza mill-management tal-Bank of Valleta plc hija invalida. It-Tribunal Industrijali jrid jaghmilha cara li b’daqshekk ma jfissirx illi t-Tribunal Industrijali qed jeskolpa lir-rikorrent minn kull htija. Ifisser biss li l-appellant ghandu jitqieghed fl-istat quo ante d-decizjoni tal-management tal-Bank of Valletta li jxolji l-Bord ta’ Dixiplina u li jittermina l-impieg tal-appellant b’effett mis- 17 ta’ Lulju 2003. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li l-Bank of Valletta ghandu dritt u obbligu li jiddeciedi kif ihallas lill-appellant bejn 17 ta’ Lulju 2003 u z-zmien meta jintemm il-process intern dixxiplina li ser ikun ordnat mit-Tribunal Industrijal.*
*i*
*2. Il-Bord ta’ dixxiplina li kien involut fil-kaz ghandu jerga’ jigi rikostitwit u ghandhom jergghu jigu avvicinati l-persuni*

*li kienu jikkomponu dan il-Bord. F'kaz li xi persuna jew l-persuni kollha mill-Bord ta' Dixxiplina originali ma jkunux jistghu jservu fuq il-Bord ta' Dixxiplina, il-Bank of Valletta plc ghandu jahtar il-Bord ta' Dixxiplina skont il-provedimenti tal-procedura ta' dixxiplina tal-Ftehim Kollettiv 1999-2001.*

*3. It-Tribunal Industrijali jordna li l-*process *kollu ta' dixxiplina ghal dan l-iskop ghandhom jintemmu u jghatu decizjoni finali sa mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data ta' din id-decizjoni.*

*4. Fil-kaz li d-decizjoni finali xorta wahda tkun li hemm raguni tajba u bizzejjed ghat-temma tal-impieg tar-rikorrenti, id-data li fiha tigi kkomunikata d-decizjoni lill-appellant, tkun id-data li minnha jibda jghodd terminu gdid ta' erba' xhur biex ir-rikorrenti, jekk jiddeciedi hekk, jirreferi l-kaz gdid lit-Tribunal Industrijali.*

**Appell**

Illi l-Bank ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni u qieghed jinterponi umli appell prezenzjalment.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fil-fatt illi t-Tribunal naqas milli jaghti apprezzament xieraq u skont il-ligi ghal diversi aspetti rilevanti tal-kaz u *del resto* injora aspetti li huma ta' rilevanza massima legali fic-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll fil-fatt illi t-Tribunal mar *oltre* dak mitlub minnu.

**Aggravji**

L-aggravji huma kif jidher hawn taht: fl-umli fehma tal-Bank diversi minn dawn l-aggravji huma sufficjenti fihom infushom biex jirrendu d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali soxxettibbli biex tigi ddikjarata hazina u ghalhekk mibdula u ghalhekk l-aggravji ghandhom jigu ttrattati separatament u mhux f'xi ordni gerarkika, ghajr illi anke bhala korp shih jindikaw kemm it-Tribunal naqas milli jaghti apprezzament xieraq u legali tac-cirkostanzi tal-kaz.

*1. Applikabilita` tal-Ftehim Kollettiv*

It-Tribunal Industrijali wasal ghall-konkluzjoni, ghal kollox zbaljata fl-umli sottomissjoni tal-Bank, illi kien hemm xi ftehim illi ghal dak li jirrigwarda l-process dixxiplinarju, cioe` illi t-tibdila li saret (senjatament l-introduzzoni tal-paragrafu L) citat hawn fuq) ma kelliex tapplika ghall-kaz ta' Vella.

Hawn it-Tribunal injora ghal kollox l-assenza totali ta' xi forma ta' skrittura jew indikazzjoni ta' qbil formali fuq dan is-suggett.

Ix-xhieda li ngabu min-naha tal-Bank ghamluha cara illi ma kien hemm ebda forma ta' ftehim sa fejn jistghu jistqarru huma, ghajr illi kkonfermaw illi dan il-punt kien imsemmi. Huma kkonfermaw, ukoll, illi ma saret ebda *side letter* (forma ta' ftehim sussidjarju li jiehu hsieb sitwazzjonijiet partikolari, liema forma hi uzata hafna fir-relazzjonijiet industrijali) jew skambju ta' korrispondenza, jew ghall-anqas, xi referenza ghal xi qbil f'xi minuti jew mod iehor.

Fid-dawl ta' dan ma kienx skont il-ligi li t-Tribunal jaqbad u fuq l-iskorta ta' principju legali zbaljat u skadut (illi fil-kamp industijali jistghu jezistu "*gentleman's agreements*" jew "*understandings"*) jiddeciedi illi kien hemm xi forma ta' ftehim illi l-kaz ta' Vella kellu jigi ezentat mill-effett tal-Ftehim Kollettiv li kien ser jidhol fis-sehh (u li allura kien fis-sehh meta nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tieghu).

Dwar l-effett u n-natura kuntrattwali ta' Ftehim Kollettiv l-Onor. Qorti tal-Appell kellha l-opportunita` tippronuncja ruhha fis-sentenza taghha tal-1 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet **"Malta Shipyards Ltd C32345 vs General Workers Union"** (158/2005) issa pendenti dwar mertu different! quddiem il-Prim'Awla (Onor. Imh. Joe Azzopardi): il-Ftehim Kollettiv fil-ligi taghna ghandu effett ta' kuntratt li jorbot lil kulhadd, sahansitra l-*union* firmatarja.

Ghalhekk, fl-umli sottomissjoni tal-Bank, kull modifikazzjoni jew tibdil minn dak li johrog minn qari tal-Ftehim Kollettiv ghandu jkun inkwadrat fi skritt bl-istess formalita` u serjeta` li jinkwadra l-Ftehim innifsu. L-istess modifikazzjoni jew tibdil ghandha taghmilha cara illi hemm xi eccezzjoni ghal dak li kien hemm miktub, specjalment meta hemm min inekwivokament jikkontradixxi illi kien hemm xi ftehim dwar tali eccezzjoni. Inkella, ma hi xejn hlief erezija legali li ma tistax tithalla ghaddejja qisu ma kien xejn.

Wiehed ghandu jikkunsidra, ghalhekk, illi l-fatt illi l-partijiet fid-diskussjoni dwar il-Ftehim Kollettiv gdid iddiskutew jekk il-provvediment il-gdid dwar sentenza tal-Qorti tal-Appell kellux japplika ghall-kaz ta’ Vella, iwassal ghall-konkluzjoni necessarja illi fl-assenza ta’ ftehim, il-provvediment bil-fors japplika.

Peress illi, kif muri hawn fuq, it-Tribunal ma setax jasal ghall-konkluzjoni illi kien hemm ftehim mod iehor, l-iskartar tal-Ftehim Kollettiv, li ovvjament ghandu forza ta’ ligi bejn il-partijiet (inkluz Vella) ma kienx permissibbli ghat-Tribunal u ghalhekk id-decizjoni appellata, li hi msejsa ghal kollox fuq dan l-izball legali, ma tistax tithalla fis-sehh.

*2. Effett tal-Ftehim Kollettiv*

Anke jekk wiehed jiskarta dak li ntqal hawn fuq dwar l-applikabbilta` tal-Ftehim Kollettiv gdid, jibqa` l-kaz illi t-Tribunal Industrijali ta interpretazzjoni ghal kollox hazina u mhux skont il-ligi ta’ dak li gie ppruvat quddiemu.

Kif gie espost hawn fuq, il-Ftehim Kollettiv kien iddahhal fis-sehh b’effett mill-1 ta' Jannar 2002 u kien gie ffirmat bejn il-partijiet fl-20 ta' Novembru 2002. Is-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront ta’ Vella nghatat fis-17 ta’ Lulju 2003 u dan gie illicenzjat mill-Bank, fid-dawl ta’ din is-sentenza, fid-29 ta' Lulju 2003.

It-Tribunal naqas, ovvjament, li japprezza illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fiha nnfisha u wahedha (“*in*

*and of itself*') tikkostitwixxi raguni tajba u sufficjenti ghat-tkeccija awtomatika (cioe` minghajr il-htiega ta' process dixxiplinarju, kif ikkontemplat fi Klawzola L) citat hawn fuq) tal-impjegat de *quo,* u l-Bank ghandu jikkunsidra biss, fuq l-iskorta tal-fatti ppruvati quddiem il-Qorti, jekk l-istess impjegat kellux jinzamm fl-impieg.

Hu sottomess illi meta l-Bank wasal ghall-konkluzjoni li Vella, li ntbaghat il-habs ghal tmien snin u mmultat Lm10,000, ma kellux, fid-dawl ta' din is-sentenza, jibqa' impjegat tal-Bank, kien qed jaghti effett kif mistenni ghall-Ftehim Kollettiv.

Dan jinghad ghaliex hu ovvju illi waqt il-process quddiem il-Qrati, Vella kellu kull opportunita` li jikkontradici l-fatti li bihom kien akkuzat u l-fatt illi l-Oorti Kriminali u wara l-Qorti tal-Appell Kriminali rawizaw illi Vella kien hati ta' "*drug dealing"* kien l-uniku fatt illi allura kellu jikkunsidra l-Bank.

B'dan il-fatt quddiemu, l-Bank ma kellux bzonn japprofondixxi l-kwistjoni jew li jtawwal.

Il-fatt illi Vella kien, wiehed jista' jghid b'kumbinazzjoni, ghaddej process dixxiplinarju dwar akkuzi konnessi mal-agir kriminali tieghu, ma jimpatta proprju xejn fuq id-dritt tal-Bank li jiehu in konsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u - tenut kont illi li tghid illi "*drug dealer*" ghandu jkun impjegat ta' bank hi haga ghal kollox redikola - jiddetermina li jkecci lil Vella.

Ma jistax, bl-ebda "*stretch of the imagination*", jghid Vella illi b'daqshekk id-dritt tieghu ta' smigh xieraq ma giex rispettat. Dwar il-fatt illi kien hemm sentenza kontra tieghu li biha gie ddikjarat hati ta' akkuzi kriminali tal-akbar portata ma kienx hemm divergenza u l-Bank allura kellu kull dritt jipprocedi kif ipproceda.

Dan ma kienx kaz illi l-Bank waqqaf, qassar, bidel jew b'xi mod iehor indahal fil-process dixxiplinarju li kien ghaddej.

Anzi, bhala fatt, il-Bord ta' Dixxiplina kien gie formalment xjolt xi zmien wara li Vella tkecca u ma kienx hemm akkorciment tal-process, semplicement sfuma fix-xejn peress illi kien hemm tkeccija fil-frattemp.

Kull ma gara kien illi peress illi gie fis-sehh stat ta' fatt (is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali) li permezz tieghu skatta provvediment tal-Ftehim Kollettiv (Klawzola L) citata) li permezz tieghu l-Bank seta' jagixxi, dan tal-ahhar agixxa skont id-drittijiet tieghu.

Ghalhekk hu car illi l-interpretazzjoni tas-sitwazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet da parti tat-Tribunal Industrijali kien ghal kollox zbaljat u jwassal biex id-decizjoni appellata hija hazina anke fuq din il-bazi.

*3, Ordni ta' reinstatement*

Hu sottomess illi meta ordna illi Vella jitpogga "fl-istat *quo ante* d-decizjoni tal-*management"* it-Tribunal kiser b'mod lampanti l-provvedimenti tal-**art. 81 tal-Kap 452**, li jpoggu fuq it-Tribunal ir-responsabbilita` illi jevalwa jekk ikunx prattikabbli u ekwu illi persuna tigi "*reinstated*."

Hu sottomess f'dan ir-rigward illi hu inkoncepibbli illi kriminali tat-tip ta' Vella jiddahhal lura fl-impieg ta' bank: anke jekk ghall-grazzja tal-argument it-Tribunal kellu ragun jikkonkludi illi t-tkeccija kienet ghal xi raguni sanzjonabbli, l-uniku rimedju ragjonevoli fic-cirkostanzi kien illi jigi ffissat xi ammont ta' kumpens.

It-Tribunal naqas ghal kollox milli jaghti anke konsiderazzjoni minima ghal din l-alternattiva, liema konsiderazzjoni hija imposta statutorjament fuq it-Tribunal bl-**art. 81 tal-Kap 452**.

In-nuqqas tat-Tribunal ravvizat hawn fuq iwassal biex jigi sottomess illi d-decizjoni appellata, anke minn dan il-lat biss, ghandha tigi skartata. Il-perversita` tar-rizultat, illi bniedem hati ta` reat kriminali tal-akbar portata iddahhal jahdem gewwa bank, hija stqarrija cara tan-nuqqas da

parti tat-Tribunal li jirrispetta l-obbligi legali mpoggija fuqu meta gie biex jiddeciedi l-kaz u jqis l-aspetti kollha tieghu.

It-Tribunal, meta ordna “*reinstatement*”, naqas ukoll illi jikkunsidra illi b’dan kien qed jippremja persuna li bl-agir kriminali taghha stess kien wassal biex ebda bniedem ragjonevoli ma jkun jista’ jikkunsidrah impjegat denju ta’ bank. Dan l-aspett ta’ kontributorjeta` da parti ta’ Vella lanqas ma jiffigura fil-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, li ghal din ir-raguni biss, izda ghal hafna aktar, ghandhom jigu kkunsidrati mankanti ghall-ahhar.

Dan il-punt gie ttrattat fil-fond f'kaz esteru, *Nairne vs Highland & Islands Fire Brigade* [1989] IRLR 366, li kopja informi tas-sentenza hija annessa Dok “A”.

Ghandu jigi kkunsidrat, in konnessjoni ma’ dan l-aspett tal-kaz, illi fir-rikors promotur ta’ Vella (5 ta’ Novembru 2003) ma hemmx talba ghal “*reinstatement”* u l-ligi timponi illi ghandu jkun hemm talba specifika. Hu minnu illi fi stadju ulterjuri, Vella jsemmi li qed jitlob “*reinstatement”* izda ma ntalabx permess biex ikun hemm zieda fit-talbiet u anke minn dan il-lat, it-Tribunal naqas li jaghti konsiderazzjoni xierqa ghall-obbligi statutorji tieghu meta jigi biex jiddeciedi kwistjonijiet quddiemu.

In kwantu ghall-kumpens li seta’ jinghata minflok “*reinstatement*”, il-Bank, biss ghall-kompletezza, jargumenta illi l-ligi taghti l-poter lit-Tribunal li jiffissa kumpens li jirrifletti c-cirkostanzi tal-kaz u f’dan il-kaz hu car, fl-umli sottomissjoni tal-Bank, illi l-kumpens, jekk ghall-grazzja tal-argument ghandu jinghata, ma ghandux ikun hlief simboliku, per ezempju fis-somma ta’ €1.00.

Dwar l-ammont ta’ kumpens, id-dottrina Ingliza tghallem illi dan irid jirrifletti r-relattivita` bejn dak li sehh b’responsabbilta` tal-impjegat *de quo* u dak li ghamel l-“*employer”* li seta’ jirrendi t-tkeccija mhux skont l-obbligi tal-istess “*employer*”. Hawn tidhol l-hekk imsejha “*Polkey”* doctine, kif espressa fis-sentenza *Polkey v AE Dayton Services Ltd* [1987] 3 All ER 974 (kopja informi annessa Dok “B”)

*In oltre*, in kwantu jikkoncerna l-kumpens - li wiehed irid ifakkar hu lat tal-kwistjoni li qed jigi argumentat biss ghall-kompletezza - il-Bank jissottometti illi hawn irid jigi kkunsidrat illi sa Gunju 2007, Vella lanqas biss ma seta' jattendi ghax-xoghol peress illi kien inkarcerat, u ghalhekk anke jekk jigi deciz illi ghandu jinghata xi kumpens, dan il-fatt irid jigi rifless.

*4. “Ultra* petite”

Hu car, fl-umli sottomissjoni tal-Bank, illi t-Tribunal mar *oltre* dak mitlub minnu meta qabad u ddecieda li ghandu jimponi fuq il-Bank mhux biss illi Vella ghandu jigi mismugh minn Bord ta' Dixxiplina izda wkoll minn min ghandu jkun kompost il-Bord u sahansitra t-tul ta' zmien li fieh il-Bord ghandu jwettaq ix-xoghol tieghu.

It-Tribunal, *in oltre*, jimponi illi l-process ghandu jsir *ai termini* ta' Ftehim Kollettiv skadut, li ma ghadux *in vigore* u li suppost ma ghandu effett fuq hadd u li ma jorbot lil hadd. Fil-fatt, il-Ftehim Kollettiv skadut lanqas ma kellu provizjonijiet tranzitorji u dan il-fatt, apparti li jindika illi l-partijiet firmatarji kellhom kull intenzjoni li jbiddlu r-regime legali ta' bejniethom, jindika wkoll illi t-Tribunal zbalja legalment meta ttanta jgib lura fis-sehh kuntratt illi l-partijiet stess kienu skartaw.

Hawn, allura, t-Tribunal mar *oltre* dak mitlub minnu mhux biss mehuda in konsiderazzjoni t-talbiet quddiemu (liema talbiet ma nkludewx talba biex il-Ftehim skadut jigi ravvivat) izda wkoll mehuda in konsiderazzjoni l-poteri statutorji tat-Tribunal, li huma limitati, f'dan il-kuntest, illi jistabbilixxi jekk tkeccija kenitx gusta jew le, u jekk le, jaghti kumpens jew “*reinstatement*” skont il-kaz.

It-Tribunal mar *oltre* mill-poteri moghti lilu mil-ligi meta ddecieda wkoll illi jimponi d-decizjoni tieghu sahansitra fuq Tribunal Industrijali iehor li, potenzjalment, kellu jisma' l-kaz fil-futur. It-Tribunal li ta d-decizjoni appellata deherlu illi kellu jiddeciedi wkoll illi d-data li minnha jiskattaw l-erba' xhur perentorji li waqthom impjegat jista' jissindika

decizjoni ta’ min ihaddmu jibdew ighoddu mid-data meta tigi kkomunikata lilu d-decizjoni, prezumibbilment ta’ tkeccija.

B’kull rispett, hu t-Tribunal fil-futur, *se mai*, li ghandu jiddeciedi dan il-punt u mhux dan it-Tribunal prezenti, li qed juri bl-aktar mod car illi ma jaghrafx il-limitazzjonijiet legali fuq l-agir tieghu.

Fid-dawl tal-fatt, ghalhekk, illi t-Tribunal arroga ghalih poteri li mhumiex appartenenti lilu, kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi t-Tribunal ta rimedju aktar minn dak mitlub, id-decizjoni appellata ma ghandhiex tithalla effettiva.

5. *Frustrazzjoni tal-kuntratt tal-impieg*

It-Tribunal Industrijali naqas ghal kollox milli jaghti konsiderazzjoni ghall-fatt indubitat li ghal numru ta’ snin, Vella ma attendiex ghax-xoghol u ghalhekk qajla jista’ jitqies illi kien impjegat tal-Bank. Dan il-punt gie dibattut f’ *F C Shepherd & Co Ltd v Jerrom* [1986] IRLR 358, fejn il-Qorti accettat it-tezi ta’ Lord Denning *f'Hare vs Murphy Bros Ltd* [1974] IRLR 342 (kopji annessi Dok “C” u “D” rispettivament).

Hu minnu illi dan l-aspett tal-kaz ma giex iwentilat quddiem it-Tribunal Industrijali, izda hu argumentat f’dan l-istadju illi kien tant ovvju illi Vella ma kienx denju illi jigi meqjus bhala impjegat ta’ bank illi l-kwistjoni ma gietx ittrattata.

Pero’, jissottomettu umilment il-Bank, hu permissibbli anke f’dan l-istadju illi jigi argumentat illi b’sentenza ta’ tant numru ta’ snin x’jiskonta, Vella fid-data ta’ kundanna mill-Qorti tal-Appell Kriminali safa disimpjegat minn mal-Bank, li ma ghandux jigi tenut, anke f’dan l-istadju, li hu mistenni jzomm lil Vella bhala impjegat tieghu meta dan lanqas ma seta’ jattendi ghax-xoghol minhabba agir tieghu stess li wasslet ghall-kundanna karcerarja tieghu.

Din it-tezi, sa fejn jaf il-Bank, ma gietx esplorata lokalment, pero’ f’ *Notcutt vs Universal Equipment Co*

*(London) Ltd* [1986] IRLR 218, l-argument sar b’success mill-*employer* ikkoncernat (kopja annessa Dok “E”).

**Konkluzjoni u talbiet**

Tenut kont tas-suespost, l-appellanti Bank jissotmetti umilment illi d-decizjoni tat-Tribunal mhijiex konformi mal-ligi.

Ghaldaqstant l-appellanti Bank jitlob umilment illi din l-Onor Qorti joghgobha illi: -

1. Tiddikjara illi d-decizjoni appellata ghandha tigi revokata u sostitwita b’ decizjoni illi t-temm ta’ mpjieg tal-appellat Vella kienet ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi peress illi kienet konformi mal-ligi inkwantu skont il-Ftehim Kollettiv vigenti fiz-zmien materjali u;

2. Fl-alternattiv tiddikjara illi l-ordni “*reinstatetment*” ma kenitx skont il-ligi u ghaldaqstant tirrevoka d-decizjoni appellata u tissotditwixxi l-ordni ta’ “reinstatement” b’ wahda ta’ kumpens, liema kumpens fl-umli fehma tal-Bank ghandha tkun litteralment simbolika tenut kont tar-agir kriminali tal-appellat Vella u ghalhekk Vella u ghalhekk tkun ta’ €1.00 (ewro wahda).

Bl-ispejjez kontra l-appellat Vella.

Rat l-inkartament ta’ dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta’ din il-kawza llum 23 ta’ Ottubru 2009.

Rat ir-risposta tal-appell ta’ Joseph Vella datata 2 ta’ Novembru a fol 66 tal-process fejn espona bir-rispett:-

Illi l-appellat irrefera l-kaz tiegħu lit-Tribunal Industrijali wara li huwa kien tkeċċa sommarjament mill-impieg li huwa kellu mal-bank appellanti.

Illi fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha l-bank appellanti allegat li t-tkeccija kienet għal raguni valida.

Illi l-każ odjern kien karatterizzat minn bosta dikjarazzjonijiet espliċiti li jimmanifestaw il-preġudizzju tad-diriġenti tal-bank appellanti kontra l-esponenti, in segwitu għal problemi li huwa kellu f'ħajtu li wassluh jiskonta piena karċerarja. Inizjalment dawn id-dikjarazzjonijiet ġew kemm mill-Bank u wkoll saħansitra mit-Tribunal Industrijali nnifsu meta (presjedut diversament mit-Tribunal li ddeċieda s-sentenza llum appellata) saħansitra irrifjuta li jisma' l-każ tat-tkeċċija tiegħu u ddikjara l-kwistjoni magħluqa qabel biss sema' lill-esponenti.

Illi madankollu l-folja nqalbet mad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Ottubru 2006 fejn din l-Onorabbli Qorti irrikonoxxiet id-dritt tal-esponenti għal smigħ xieraq, irrispettivament mill-fatt li huwa kien ikkundannat piena karċerarja, u reġgħet bagħtet l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali għall-prosegwiment.

Illi t-Tribunal Industrijali sema' *viva voce* l-provi estensivi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet u finalment, b'deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2009, ikkonkluda li d-deċiżjoni tal-Bank li jxolji l-Bord tad-Dixxiplina intern kienet tikser il-Ftehim Kollettiv 1999-2001 li kien applikabbli għall-każ tal-esponenti u, għaldaqstant, it-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti kienet waħda invalida.

Illi, per konsegwenza, it-Tribunal ordna li l-esponenti jitpoġġa fl-istatus *quo ante* d-deċiżjoni llegali tal-Bank sabiex ikompli jiffaċċja l-proċeduri ta' dixxiplina mitmuma unilateralment mill-istess Bank.

Illi l-Bank appellant ħassu aggravat minn dik id-deċiżjoni tat-Tribunal u konsegwentement permezz tal-appell odjern, talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata u dan billi tiddikjara li t-tkeċċija kienet għal raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi jew, alternattivament, tiddikjara li "minflok *reinstatement*" tal-esponenti l-Bank appellanti għandu jkun ikkundannat li jħallas kumpens ta' €1.00 (euro waħda), bl-ispejjeż kontra l-esponenti.

Illi l-esponenti jissottometti li d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-6 ta' Ottubru 2009 hija korretta u timmerita li tiġi kkonfermata.

**Dwar l-Aggravju**

Illi l-esponenti jirrileva li t-Tribunal qabel mas-sottomissjoni tiegħu, fis-sens li kien il-Ftehim Kollettiv 1999-2001 li baqa' applikabbli għall-każ ta' dixxiplina tal-esponenti li kien għadu pendenti. Dan effettivament wassal għall-konklużjoni naturali li t-terminazzjoni sommarja tal-impjieg tal-esponenti kienet illegali. Madankollu, huwa żbaljat il-Bank meta jassumi aktar minn dak li jirriżulta mill-atti. L-esponenti għalhekk jiddikjara li ma jaqbilx mas-sottomissjoni tal-Bank li l-applikabbilta` ta' ftehim jew ieħor hija l-unika kwistjoni, tant li l-esponenti jemmen li anke jekk, għall-grazzja tal-argument, kien il-Ftehim Kollettiv 2002-2004 li japplika għall-każ tal-esponenti, Klawsola "L" tal-istess Ftehim ma kenitx applikabbli għall-każ ġaladarba fl-ebda mument ma ġie stabbilit li l-esponenti huwa "*unsuitable as a bank employee*".

Illi l-esponenti jissottometti li l-fatt waħdu li huwa skonta piena karċerarja dwar materja li ma għandha x'taqsam xejn mal-impjieg tiegħu ma jippreskludiehx milli jżomm impjieg u li jaqdi dmiru b'onesta' u integrita`. Li kien altrimenti kien ifisser li persuna li żbaljat (u familtha wkoll) trid tiskonta kundanna oħra ta' diżokkupazzjoni għal għomorha. Dan huwa kunċett li jmur kontra kull prinċipju ta' riabilitazzjoni ta' persuni li żbaljaw fis-soċjeta`.

Illi l-aggravju kif dedott mill-Bank appellant huwa wieħed kompost u għall-kjarezza l-esponenti sejjer jindirizzah fl-istess ordni kif ġie espost mill-istess Bank.

1. *Applikabilita' tal-Ftehim Kollettiv*

B'dan l-ewwel aggravju l-bank essenzjalment jilmenta li t-Tribunal emmen xhieda u mhux oħrajn, u li dan wasslu għall-konklużjoni li kien hemm intendiment verbali li l-Ftehim Kollettiv il-ġdid ma kellux japplika għall-każ

dixxiplinarju li kien hemm pendenti, u ċioe` dak tal-esponenti.

It-Tribunal kien iffaċċjat b'verżjonijiet dijametrikament opposti minn kampi differenti: ir-rappreżentanti tal-Union rikonoxxuta sqarrew b'mod espliċitu li fin-negozjati ssemma' l-każ tal-esponenti u li kien hemm intendiment verbali li l-proċedura l-ġdida kellha tapplika għal każijiet ġodda u mhux għal dak pendenti tal-esponenti; ir-rappreżentanti tal-bank ikkonfermaw li l-każ tal-esponenti kien issemma' f'dan il-kuntest iżda ċaħdu li l-ftehim il-ġdid ma kellux japplika retroattivament għall-każ tal-esponenti.

Iffaċċjat b'dan il-konflitt u bin-nuqqas ta' minuti jew dokumenti oħra li jikkorroboraw teżi jew oħra, it-Tribunal industrijali kien bla dubju kostrett iqis ċirkostanzi oħra (bħal ma huwa l-komportament tax-xhieda fuq il-pedana u l-konsistenza tagħhom waqt l-eżami u l-kontro-eżami) u ċertament sab sostenn fl-esperjenza tal-ġudikant partikolari fil-kamp trejdunjonistiku Malti. Ċertament li t-Tribunal sab sostenn fil-fatt li proprju sal-aħħar mument **u allura ferm wara li daħal fis-seħħ il-ftehim kollettiv il-ġdid** il-bank kien qed javża lill-partijiet li l-proċeduri dixxiplinarji sejrin ikomplu u l-bord ta' dixxiplina kien ser jissokta bis-smigħ. Allura wieħed jistaqsi, x'wassal lill-bank biex fl-aħħar mument jarmi l-proċedura li kien sa dakinhar stess qed isegwi u, minflok, jaddotta proċedura ta' ftehim ieħor?

Fis-sentenza **Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino**,*(appell kummercjali 25 ta' Frar 1952)* l-Onorabbli Qorti ta l-Appell Kummerċjali iddikjarat illi:

"hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-Powell *On Evidence* (p. 487): *In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called 'a moral certainty' ... The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by*

*express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them*."

Huwa għalhekk ukoll li l-esponenti jħoss li dan l-ewwel aggravju tal-bank jimmerita li jkun miċħud: effettivament il-bank qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tvarja deċiżjoni ta' Tribunal li sema' x-xhieda *viva voce* (u għalhekk kien f'pożizzjoni unika li japprezza l-valur ta' tali xhieda) u japprezza tali xhieda b'mod differenti. Il-bank qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li ma kienx hemm ftehim verbali (ossia *gentlemen's agreement*) meta t-Tribunal qies li l-preponderanza tal-probabbiltajiet ixaqilbu l-miżien favur it-teżi tal-esponenti u mhux dik tal-bank appellant.

Il-bank jiddikjara li dan ix-xorta ta' ftehim milħuq bejn il-Union u l-bank appellant, ċioe` wieħed mhux ridott għall-forma miktuba, huwa "prinċipju legali żbaljat u skadut" iżda l-esponenti ma jaqbilx. L-esponenti umilment jissottometti li ftehim verbali huwa validu u vinkolanti sakemm il-liġi ma teħtieġx espliċitament il-forma miktuba bħal, ngħidu aħna, fil-każ ta' wegħda ta' bejgħ.

Dak li qed jissuġġerixxi l-bank appellat huwa bla dubju ta' xejn l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. Il-bank qiegħed jissuġġerixxi li l-Ftehim Kollettiv il-ġdid għandu jkollu effett retroattiv, u li għandu jkollu forma ta' promulgazzjoni *ex post facto.* Il-bank qed jgħid li l-ftehim ipprovda punizzjoni u *iter* proċesswali ġdid għal azzjoni li kienet allegatament kommessa qabel ma l-ftehim daħal fis-seħħ. Dwar dan hemm bosta argumenti x'wieħed jagħmel; hija materja b'implikazzjonijiet tekniċi, etiċi u morali. Każijiet ta' dixxiplina fuq il-post tax-xogħol għandhom xebħ ma' każijiet penali u bosta prinċipji fil-kamp tad-dritt penali għandhom applikazzjoni f'każijiet ta' dixxiplina. Fost dawn hemm ċertament il-prinċipji ta' *nullum crimen sine lege* u *nulla poena sine lege.*

Proprju għalhiex huma odjużi, promulgazzjonijiet penali li huma mixtieqa li jkollhom effett retroattiv għandhom tal-inqas jiddikjaraw ruħhom bħala tali – ħaġa li l-proċedura ta' dixxiplina ġdida fil-Ftehim Kollettiv 2002-2004 ma

għamlitx. F'organizzazzjoni kbira bħal ma huwa l-bank appellanti, il-parti tal-Ftehim Kollettiv li tirregola d-dixxiplina isservi bħala forma ta' *avviso ai naviganti* u mezz ta' *social engineering*: liġi li hija prospettiva u li tistabbilixxi regolamenti li jorbtu konsegwenza ma' avvenimenti futuri. Fil-filosofija tad-dritt hemm ukoll min jargumenta li "*inasmuch as the regulation is kept secret and does not become cognizable or available or bears a retroactive effect, it will not have the chance to influence the behaviour law seeks*."

L-argument tal-bank li ftehim kollettiv għandu effett ta' kuntratt li jorbot lil kulħadd, u r-referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Malta Shipyards Ltd vs General Workers Union** huma, f'dan il-kuntest, irrilevanti. Fl-ewwel lok, l-istess effett ta' kuntratt għandu jkollu l-ftehim verbali bejn il-union u l-management u fit-tieni lok tali sentenza ma trattatx il-kwistjoni tar-retroattivita` ta' disposizzjonijiet kwasi-penali fil-ftehim kollettiv.

2. *Effett tal-Ftehim Kollettiv*

Taħt dan it-titolu, il-bank appellanti jargumenta li, indipendentement minn kull ftehim li kellu jirregola l-proċedura f'każijiet ta' dixxiplina, il-bank kien ġustifikat li jittermina l-impjieg tal-esponenti bis-saħħa biss tal-fatt li l-esponenti nstab ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Lulju 2003. Il-bank jiddikjara li s-sentenza "fiha innfisha u waħedha ('*in and of itself*') tikkostitwixxi raġuni tajba u suffiċjenti għat-tkeċċija awtomatika", ċioe` mingħajr il-ħtieġa li l-partijiet jikkoppaw isegwu xi proċedura ta' dixxiplina – sia dik tal-ftehim kollettiv l-antik jew dik tal-ġdid.

Dan mhux argument ġdid min-naħa tal-bank appellanti. Huwa iżda tentattiv ieħor li jinkwina l-proċess ġudizzjarju b'argumenti li jappellaw biss għall-impulsivita` u għas-sens ta' rabja tas-soċjeta` in ġenerali kontra r-reati serji li tagħhom l-esponenti nstab ħati. Dawn huma argumenti li niżlu tajjeb mal-ewwel ġudikant fit-Tribunal Industrijali, tant li kien tefa' l-każ tal-esponenti 'l barra mingħajr ma tah

smigħ xieraq. Madankollu, dan l-argument xejn ma jgħin illum, ġaladarba l-każ huwa daqstant matur.

Il-punt huwa li l-bank ma kellux dritt jipproċedi kif ipproċeda, ma kellux dritt iqassar il-proċedura, ma kellux dritt jassumi li l-esponenti irrinunzja għad-dritt li jiddefendi ruhu fi proċeduri li, wara kollox, kienu pendenti.

*3. Ordni ta' reinstatement*
*u*
*4. "Ultra petita"*

Lil' hinn mill-mertu tal-każ, il-bank jilmenta wkoll dwar in-natura tar-rimedju mogħti lill-esponenti mit-Tribunal Industrijali.

Tali rimedju, ċioe` li l-esponenti jitpoġġa fl-istat *quo ante* d-deċiżjoni illegali li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, ma hu xejn għajr il-konsegwenza naturali u soluzzjoni ekwa bħala tiswija tas-sabotaġġ tal-proċess ta' dixxiplina da parti tal-bank appellanti. *Del resto*, it-Tribunal Industrijali ma għamel xejn ħlief li mexa fuq ġurisprudenza *ormai* assodata fil-kamp tad-dritt industrijali Malti. Hekk kien seħħ, fil-fatt, fil-proċeduri fl-ismijiet **Vanessa Mifsud vs Malta Enterprise Corporation**, *(sentenza tat-Tribunal Industrijali tal-4 ta' Settembru 2008, konferma minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Frar 2009)* fejn kien ingħata proprju l-istess rimedju lir-rikorrenti Mifsud: tpoġġiet fl-*istatus quo ante* t-tkeċċija illegali sabiex tiffaċċja proċeduri skont il-ftehim kollettiv u b'hekk baqa' impreġudikat id-dritt tad-*doppio esame*.

Fl-istadju tal-appell, Mifsud kienet ilmentat li ma kenitx ingħatat rimedju korrett – ossia l-likwidazzjoni ta' kumpens. L-aggravji taghha kienu fis-sens li t-Tribunal kellu l-obbligu speċifiku li jikkwantifika l-kumpens xieraq għat-tkeccija tagħha u li, barra minn hekk, l-istess Tribunal ma kellux il-poter li jvarja jew jemenda l-ftehim vigenti bejn il-partijiet iżda biss li jiddikjara li l-"*warnings*" moghtija lilha kienu nulli u bla effett. Hija ilmentat li t-Tribunal ma setax minn rajh jikkreja procedura *ad hoc*. Iżda din l-Onorabbli Qorti iddeċidiet xort'oħra u stqarret li:

“Ma jidhirx li ghandu jkun disputat illi l-integrazzjoni fid-drittijiet procedurali hi haga ben distinta minn dik tar-re-integrazzjoni sostantiva fl-impjieg, ex post l-individwazzjoni u d-determinazzjoni gudizzjali mit-Tribunal tal-kawza ingustifikata tat-terminazzjoni tal-impjieg. Il-wahda mhix ekwipollenti ghall-ohra. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma ddecediex extra petita”.

Dan appena rilevat ghandu jghodd ukoll bi twegiba ghall-obbjezzjonijiet sollevati mill-appellanti Mifsud. La t-Tribunal zamm ruhu fil-konfini tal-punt centrali relattiv ghall-procediment dixxiplinarju mill-Korporazzjoni, u ma ddeterminax hu stess is-sostanza tat-tkeccija, ma kienx mistenni minnu li jikkwantifika l-kumpens in kwantu l-qaghda irrivertiet lura ghal dik li kienet qabel l-licenzjament. Il-hlas ordnat mit-Tribunal li ghandu jsir mill-Korporazzjoni ma ghandux kollegament ma’ kumpens kif mifhum mill-**artikolu 81 (2) tal-Att** izda hu korrelatat mar-retribuzzjoni ta’ dak dovut lill-appellanti skont it-termini kontrattwali tal-impjieg taghha.”

L-esponenti umilment jissottometti li s-sitwazzjoni fil-każ preżenti hija identika, ħlief għall-fatt li huwa l-prinċipal li llum qed iressaq l-ilment li kienet ressqet Mifsud fil-kawża fuq imsemmija. Jidher li l-bank qiegħed iqis l-ordni tat-Tribunal għar-reintegrazzjoni fid-drittijiet proċedurali bħala ekwivalenti għal ordni ta’ ngaġġ mill-ġdid – punt li din l-Onorabbli Qorti ġja` eżaminat bir-reqqa fil-proċeduri fuq imsemmija.

Mhux għalhekk opportun li l-esponenti jiddibatti ż-żejjed fuq it-talba ġdida tal-bank appellanti, f’mument daqstant matur tal-proċeduri, sabiex ikun ikkundannat iħallas lill-esponenti kumpens irriżorju ta’ €1 minflok l-esponenti jingħata d-dritt ta’ udjenza quddiem il-bord tad-dixxiplina intern. Biżżejjed jingħad li meta l-bank appellanti jagħti valur ta’ €1 għar-rinunzja għad-dritt għal smigħ xieraq, huwa ma jkunx qed jinki lill-esponenti, iżda jkun qed jagħmel għajb lilu nnifsu.

*5. Frustrazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg*

Il-punt imqajjem mill-bank appellanti taħt dan it-titolu huwa wieħed ipotetiku għall-aħħar. Bħal donnu qiegħed jgħid li kieku ta lill-esponenti d-dritt ta’ smigħ li kien ħaqqu, u li kieku l-Bord ta’ Dixxiplina wasal għall-konklużjoni li l-impjieg ma jkunx terminat, kieku l-esponenti ma kienx ikun jista’ jattendi għax-xogħol xorta waħda peress li kien ser ikun inkarċerat.

*Inoltre*, l-bank appellanti jsostni l-argument tiegħu b’referenza għal sentenza ta’ qorti estera, fl-ismijiet **Notcutt vs Universal Equipment Co (London) Ltd** tal-1986. Dwar din is-sentenza l-esponenti jirrileva li hija bbażata fuq liġi li mhix ekwivalenti għal tagħna. Huwa paċifiku li l-liġi tax-xogħol Maltija evolviet fuq ispirazzjoni ta’ dak li ġara fix-xena legali u industrijali ġewwa r-Renju Unit. Dan tal-anqas sal-bidu tas-snin tmenin, f’liema perjodu mbagħad il-liġi industrijali Ingliża ħadet taħt Margaret Thatcher direzzjoni li ma ġietx emulata mil-leġislatur Malti. Diversi Tribunali kellhom l-opportunita` jikkonfermaw il-liġi ingliża <u>ta’ qabel it-tmeninijiet</u> bħala l-fonti tad-dritt tax-xogħol Malti. Għamlet hekk ukoll saħansitra l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza ċelebri **Malta Freeport vs Union Ħaddiema Magħqudin,** *(deciza fit-30 ta’ Mejju 2001 App. Civ. 93/98)* li minnha l-esponenti qiegħed hawn jirriproduċi estratt:

*“F’dan ir-rigward allura l-Qorti kellha tkun attenta biex tassigura x’kien precizament l-istat ta’ dritt fil-pajjiz, fiz-zmien meta ittiehdet l-azzjoni ndustrijali taht ezami. Inoltre, filwaqt li hu konsentit, utli u rakkomandabbli li l-Qorti tirreferi ghall-origini tal-istituti legislattivi li jirregolaw l-mertu quddiemha, specjalment f’kazijiet bhal f’dak taht ezami fejn id-disposizzjonijiet esteri jkunu gew inkorporati tista’ tghid kelma b’kelma fl-Att Malti, il-gudikant kellu jkun ferm attent li jassigura li t-testi u l-awturi esteri li jikkumentaw dawn id-disposizzjonijiet ikunu qed jittrattaw il-ligi kif kienet vigenti f’Malta fiz-zmien rilevanti. Eskluzi allura emendi li setghu kienu saru fil-ligi estera, imma li ma jkunux saru fil-ligi nostrana.”*

In kwantu jirrigwarda d-distinzjoni bejn *Notcutt* u l-każ odjern, *oltre* d-diverġenzi ta’ dritt hemm ukoll diverġenzi ta’ fatt. Fil-każ ċitat, il-prinċipal u l-impjegat kienu qablu t-tnejn li minħabba raġunijiet ta’ saħħa serji l-impjegat ma kien ser jaħdem qatt iżjed. Il-punt in diżamina kien prinċipalment il-ħlas tas-*sick leave*. Il-fatt li l-impjegat kien irrikonoxxa hu stess li ma kien ser jaħdem qatt iżjed f’ħajtu wassal lill-ġudikant jiddikjara “*I regard that finding as crucial to this appeal*”. Dawn huma elementi essenzjali li ma għandhom ebda analoġija fil-każ odjern. La kien hemm ħsieb li l-esponenti ma jaħdem qatt iżjed f’ħajtu u wisq anqas kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar dan. Kien hemm biss azzjoni unilaterali da parti tal-prinċipal.

Il-kunċett ta’ *frustration*, talvolta rikonoxxut mill-Qrati u Tribunal tar-Renju Unit, ma jista’ qatt jintuża biex jiġi eskluż patt espliċitu vinkolanti bejn il-partijiet, liema patt kien jistipula l-proċedura li għandha tkun segwita f’tali ċirkostanzi. Dan huwa saħansitra evidenti mill-prinċipji stabbiliti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell f’**Malta Shipyards Ltd vs General Workers Union**, senjatament fejn ġie finalment konfermat li l-artikoli proċedurali fi ftehim kollettiv mhumiex semplicement *industrial peace treaty* (u allura mhux enforzabbli bejn il-partijiet) bħal fid-dritt Ingliż. Għall-kuntrarju, tali ftehim għandu rabta u huwa enforzabbli. Fi kliem l-Onorabbli Qorti tal-Appell:

*“Fil-waqt li l-principji generali tal-ligi industrijali ta’ Malta huma bbazati fuq dawk Inglizi, fejn jidhlu l-elementi u l-enforzar ta’ kuntratti b’mod generali, is-sistema Maltija hija differenti minn dik Ingliza. Il-ligi Maltija fuq il-kuntratti u l-effetti taghhom hija bazata fuq id-dritt Ruman, u l-kodifikazzjoni tieghu hija ispirata mill-Kodici ta’ Napuljun li, da parti tieghu, huwa bazat fuq il-Pandecte tal-gurista Franciz Pothier, li kien segwaci kbir tad-dritt Ruman li fuqha ibbaza l-opra tieghu. Il-ligi Ingliza, min-naha l-ohra, sa fejn tirreferi ghall-kuntratti u obbligazzjonijiet, hija kollha “judge made law”, jigifieri principji li gew zvillupati tul is-sekli man mano li l-Qrati kienu jigu mitluba jiddeciedu fuq kwistjonijiet sottomessi lilhom. Din id-differenza waslet biex filwaqt li l-Ingilterra hija maghrufa bhala “a common*

*law country", Malta, u pajjizi ohra fil-kontinent europew, hija imsejha "a civil law country".*

Rizultat tad-differenza hawn indikata hi li filwaqt li l-ligi li tirregola l-kuntratti fl-Ingilterra tinsab fil-kazistika, f'Malta din tinsab fil-Kodicijiet Civili u Kummercjali. Dan ifisser li fejn *si tratta* ta' principji bazici ta' kuntratt, dawn iridu jigu skoperti fil-Kodicijiet taghna u l-awturi li jikkummentaw fuqhom. Wiehed, ghalhekk, irid joqghod attent milli jaqbad u jsegwi linja gurisprudenzjali Ingliza, biex jara li din ma tisskozzax mal-principji bazici tal-ligi Maltija.

Il-principji Inglizi huma rizultat ta' hsieb u interventi gudizzjarji li ovvjament, ikunu kkondizzjonati bl-istorja tal-pajjiz u l-hsibijiet ta' awturi Inglizi. Dawk tal-pajjizi fil-kontinent tal-Ewropa (bhala Franza, Belgju, Italja, Spanja u anke Malta) huma rizultat ta' zvilupp li sar fuq il-ligi Rumana, li kienet gia` kodifikata u ghal zmien twil kienet mifruxa ma' kwazi l-kontinent kollu. L-origini u l-hsieb wara z-zewg ligijiet hu, ghalhekk, differenti." (*Malta Shipyards Ltd vs General Workers Union, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2006)*

*In vista* tal-premess l-esponenti umilment jissottometti li lanqas dan l-aħħar punt imqajjem mill-bank appellanti in sostenn tal-aggravju tiegħu ma jimmerita li jkun akkolt u għalhekk l-appell tal-bank appellanti għandu jkun miċħud għalhiex infondat fil-fatt u fid-dritt.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi jirreferi għall-provi kollha prodotti u filwaqt li jirriserva d-dritt li jġib il-provi kollha ammissibbli skont il-Liġi f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet **Joseph Vella vs Bank of Valletta plc** mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2009 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-bank appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras tal-11 ta' Dicembru 2009 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Andrew Borg Cardona ghall-Bank of

Valletta. Deher ukoll Noel Vassallo, rapprezentant tal-istess Bank. Dehret Dr. Abigail Galea ghall-appellat Joseph Vella. Gie degretat li peress illi l-Imhallef sedenti huwa azzjonist fil-Bank appellanti, wara li l-Qorti rat l-**artikolu 734 (e) tal-Kap 12.** hija astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-appell u ordnat illi l-atti jintbaghtu lura lir-Registru biex dan jassenja l-appell lill l-Imhallef desinjat minnu u ordnat li dan l-appell jigi kancellat minn fuq il-listi tal-appelli taghha.

Rat in-nota ta' surroga tal-Prim Mhallef Vincent De Gaetano datata 28 ta' Dicembru 2009 a fol. 76 tal-process fejn wara l-astensjoni tal-Imhallef Philip Sciberras din il-Qorti kif presjeduta giet indikata sabiex tiehu konjizzjoni u tiddeciedi dan l-appell.

Rat li b'digriet ta' din l-Qorti datat 7 ta' Jannar 2010 l-appell gie riappuntat ghas-smigh ghat-18 ta' Frar 2010.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank appellant datata 15 ta' Marzu 2010 a fol. 81 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' Joseph Vella datata 12 ta' Mejju 2010 a fol. 87 tal-process.

Rat il-verbali mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2010 meta ssejjah l-appell deher Dr. Andrew Borg Cardona ghall-Bank appellanti u Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-appellat Joseph Vella. Id-difensuri qablu li l-appell jista' jibqa' ghas-sentenza u ghalhekk l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2010.

Rat l-atti kollha relattivi fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Joseph Vella u Bank of Valletta plc (Kaz. Numru 1821) deciz fis-6 ta' Ottubru 2009 (Decizjoni Numru 1965) u l-istess decizjoni tat-Tribunal Industrijali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li l-appellat, dak iz-zmien impjegat tal-Bank appellant kien instab hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta’ Lulju 2003, ta’ assocjazzjoni sabiex ibiegh u jittraffika d-droga u ta’ pussess tal-istess droga u ghalhekk gie kkundannat ghal tmien (8) snin prigunerija u multa ta’ Lm10,000 u b’hekk gie kkonfermat sentenza tal-Qorti Kriminali datata 6 ta’ Awissu 2001.

Illi b’konsegwenza ta’ din is-sentenza jirrizulta li l-Bank dehrlu li kellu jagixxi ai termini ta’ artikolu 27 (l) tal-ftehim kollettiv datat 20 ta’ Novembru 2002, li gie *in vigore* fl-1 ta’ Jannar 2002 u kellu effett sal-31 ta’ Dicembru 2002, u llicenzja lill-appellat mill-impjieg tieghu fid-29 ta’ Lulju 2003.

Illi l-appellat fetah proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fuq il-vantazzjoni li t-tkeccija kienet wahda ingusta u mhux skont il-ligi peress li din saret bi ksur tal-procedura tad-dixxiplina li kienet applikabbli bejn l-1 ta’ Jannar 1999 u l-31 ta’ Dicembru 2001, fejn il-Bord ta’ Dixxiplina kellu jiddeciedi l-kaz tal-appellat. B’hekk jirrizulta li l-appellat kien qed isostni li l-Ftehim Kollettiv tal-20 ta’ Novembru 2002 ma kellux japplika ghall-kaz in ezami, li kellu jibqa’ jigi regolat b’dan precedenti ghall-istess.

Illi jirrizulta ghalhekk li t-Tribunal Industrijali kellu jaghzel liema Ftehim Kollettiv kellu japplika ghall-kaz odjern, u fil-fatt hekk qal fl-ewwel paragrafu ta’ pagna tlieta tad-decizjoni tieghu datata 6 ta’ Ottubru 2009, u fuq dan il-punt jirrizulta li kkonkluda li kien hemm ftehim verbali bejn il-firmatarji tal-istess Ftehim Kollettiv dak li huwa sejjah bhala *“gentleman’s agreement” jew “understandings”* li dan il-Ftehim Kollettiv il-gdid kellu japplika biss ghall-kazijiet godda; ma` dan zied jghid li l-pieni u l-procedura applikabbli kellha tkun tkun ta’ meta sehh il-kaz, u la darba meta sehh il-kaz ma kienitx ghada *in vigore* l-imsemmija kwalsola 27 (l) tal-Ftehim Kollettiv, mela allura il-procedura tad-dixxiplina ezistenti skont il-Ftehim

Kollettiv ta’ qabel u cjoe’ dak applikabbli ghas-snin 1999 – 2001 kellha tigi attwata, u b’hekk sab favur l-appellat fis-sens li tkeccija tieghu fis-17 ta’ Lulju 2003 kienet ingusta ghaliex mhux skont il-Ftehim Kollettiv applikabbli ghas-snin 1999 – 2001, u ghalhekk qieghed lill-appellat fl-istess posizzjoni li kien qabel ma gie xolt il-Bord tad-Dixxiplina b’dan li l-Bank ghandu dritt li jiddeciedi kif ihallas lill-appellat ghall-perjodu bejn is-17 ta’ Lulju 2003 sad-data meta jintemm il-process intern ta’ dixxiplina, li kellu jigi rikostruwit kif indikat fl-istess decizjoni, u jaghti d-decizjoni tieghu fi zmien tlett xhur mid-data tal-istess imsemmija decizjoni; fil-kaz li d-decizjoni tkun wahda ta’ tkeccija, it-terminu sabiex l-appellat jiddeciedi jekk ghandux jappella mill-istess decizjoni lit-Tribunal Industrijali jkun dak ta’ 4 xhur mid-data tal-istess decizjoni hekk mehuda mill-Bord ta’ Dixxiplina.

Illi minn din id-decizjoni sar l-appell odjern mill-Bank peress li sostna li:-

(a) l-Ftehim Kollettiv applikabbli kien dak vigenti u cjoe’ dak iffirmat fl-20 ta’ Novembru 2002, u l-konsiderazzjoni li ghamel it-Tribunal Industrijali li kien hemm xi ftehim verbali li l-kaz ta’ Vella ma kellux jigi trattat taht l-istess Ftehim Kollettiv minhabba dak li gie deskritt bhala *“gentleman’s agreement jew understanding* hija legalment zbaljata peress li l-Ftehim Kollettiv huwa ligi bejn il-partijiet skont il-ligi Maltija.

(b) Illi t-Tribunal Industrijali kien zbaljat bil-mod kif interpreta dak li rrizulta quddiemu u dan peress li kif sehhew il-fatti bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 17 ta’ Lulju 2003 kienet raguni fiha nfisha sufficjenti ghat-tkeccija awtomatika tal-appellat skont il-provediment tal-klawsola 27 (l) u ghalhekk ma kienx hemm bzonn iktar l-procedura permezz tal-Bord tad-Dixxiplina, dan ghalhekk ifisser li t-Tribunal Industrijali ghamel apprezzament hazin tal-istess Ftehim Kollettiv bhala l-kuntratt li kien jirregola l-kaz in ezami.

(c) Illi meta t-Tribunal Industrijali ordna li l-appellat jitpogga fil-posizzjoni tieghu qabel id-decizjoni ta’ tkeccija

dan sar bi ksur tal-**artikolu 81 tal-Kap. 452** u dan ghaliex meta jigi kkunsidrat ir-reat li tieghu l-istess appellat instab hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali, certament ma kienx hemm lok li jerga jigi reintegrat fl-impjieg tieghu; u dan fil-verita' lanqas seta` jikkonsidrah ghaliex fir-rikors promotur datat 5 ta' Novembru 2003 dan lanqas kien rikjest.

(d) Illi d-decizjoni hawn appellata hija ultra petita ghaliex l-istess Tribunal Industrijali mhux biss iddecieda li l-kaz tal-appellat kellu jigi mismugh minn Bord ta' Dixxiplina, izda wkoll ddecieda kif dan kellu jigi kompost u dan apparti li l-hekk qed jirreferi ghall-Ftehim Kollettiv li ma ghadux *in vigore*. It-Tribunal kellu biss jara jekk kienx hemm kaz, u se mai *re-instatement* jew le u mhux jiddeciedi kif il-kaz kellu jinstema fil-futur.

(e) Illi t-Tribunal Industrijali ma hax in konsiderazzjoni li ghal tul ta' zmien Vella ma setghax jattendi ghax-xoghol u dan minhabba l-konsegwenzi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-aggravji tal-appellant u r-risposta tal-appellat thoss li bil-mod kif hija redatta d-decizjoni din hija legalment zbaljata u wkoll fiha nfisha kontradittorja. Dan qed jinghad peress li jirrizulta li d-decizjoni kienet ibbazata fl-ewwel lok fuq il-bazi li seta` kien hemm jew kien hemm ftehim verbali bejn il-kontraenti tal-Ftehim Kollettiv datat 20 ta' Novembru 2002 li dan il-kaz ma kellux jigi kkunsidrat taht dan il-Ftehim Kollettiv, meta mbaghad jidher li iktar il-quddiem fl-istess decizjoni jirrizulta li l-istess Tribunal Industrijali kkonkluda ukoll li dan il-kaz kellu jaqa' taht il-parametri tal-Ftehim Kollettiv precedenti ta' bejn in-1999 u 2001 ghaliex il-kaz kien sehh waqt dan il-perjodu.

Illi certament li din l-argumentazzjoni hija zbaljata peress hija kontradittorja ghaliha nfisha ghaliex it-Tribunal Industrijali kellu jiddeciedi jew li dan il-kaz kien applikabbli ghalih il-Ftehim Kollettiv precedenti biss ghaliex il-kaz sehh f'dak il-perjodu meta dan kien applikabbli, jew inkella jghid li jghid li kellu japplika l-Ftehim Kollettiv tat-20 ta' Novembru 2002 ghaliex l-istess kien *in vigore* fiz-zmien

rilevanti. Minflok, it-Tribunal Industrijali sostna li Ftehim Kollettiv tal-20 ta' Novembru 2002 ma kienx japplika biss peress li kien hemm ftehim verbali sabiex ghall-kaz in ezami japplika l-Ftehim Kollettiv antik, u dan kien ifisser li allura l-kaz kien jaqa' taht l-ahhar Ftehim Kollettiv imsemmi li kieku ma kienx hemm il-vantat ftehim verbali fuq dan il-il-kaz, u allura dan ifisser li fl-istess decizjoni hemm zewg asserzjonijiet li huma konfliggenti u kontrarji ghal xulxin; dan ghaliex ma jistax jinghad li fl-istess nifs li dan il-kaz huwa regolat bil-Ftehim Kollettiv l-antik, wara li tkun ghidt li ghall-istess kaz ma japplikax il-Ftehim il-gdid biss ghaliex kien vantat xi *"gentleman's agreement"* biex ma japplikax il-Ftehim Kollettiv attwalment *in vigore*.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti dak li kellu jaghmel fl-ewwel lok l-istess Tribunal Industrijali kien li jiddeciedi liema Ftehim Kollettiv kellu japplika ghall-kaz tal-appellat, u mhux kif ghamel fl-istess decizjoni tieghu jirrizulta li taht dan l-aspett il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali f'dan ir-rigward huma ghal kollox neboluzi ghar-ragunijiet hawn indikati.

Illi tenut kont ta' dak kollu prodott quddiem din il-Qorti, thoss li legalment jirrizulta li dak li kellu jirregola l-kaz tal-appellat odjern kien dak tal-Ftehim Kollettiv tal-20 ta' Novembru 2002, la darba is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet datata 17 ta' Lulju 2003, u b'hekk kellu japplika ghaliha l-artikolu 27 (l) tal-istess, u dan peress li jirrizulta li tali Ftehim Kollettiv gie redatt bil-miktub u ma kien hemm ebda riserva fl-istess ftehim li l-kaz ta' l-appellat jew kull kaz iehor kellu jigi b'xi mod ezentat mill-applikazzjoni tal-istess.

Illi fuq kollox din il-konkluzjoni hija bbazata fuq l-insenjament li l-istess Ftehim Kollettiv huwa kuntratt bejn il-partijiet **("Malta Shipyards Limited vs General Worker's Union"** – A. C. – 1 ta' Dicembru 2006) u ghalhekk jorbot lill-istess partijiet in virtue` tal-principju *pacta sunt servanda* u ghalhekk ghandu jigi osservat fit-termini kollha tieghu ghaliex jesprimi l-volonta` tal-kontraenti u f'isem minn gie negozjat **("Angelo Fenech**

**nomine vs Joseph Tabone nomine"** – A.C. – 13 ta' Marzu 1995).

Illi jidher li fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **"Malta Shipyards Limited vs General Worker's Union"** – A. C. – 1 ta' Dicembru 2006) gie stabilit li f'din il-materja ta' Ftehim Kollettiv hija l-Ligi Maltija u mhux Ingliza li trid tigi segwita u allura jsegwi li l-principji li jirregolaw il-kuntratti Malta huma applikabbli ghall-kaz *de quo,* u f'dan il-kuntest jinghad li huwa principju legali affermat li meta l-kliem tal-istess kuntratt huma tant cari li ma hemmx dubju dwar is-sinifkat taghhom ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni u ghalhekk it-Tribunal Industrijali f'dan il-kaz, l-istess Tribunal Industrijali kellu biss japplika l-istess, u dan peress li dak li gie miftiehem bejn il-partijiet kontraenti kien redatt in iskritt, u fl-istess skrittura li tikkomponi l-Ftehim Kollettiv ma kien hemm ebda eccezzjoni jew deroga, u ghalhekk dak li huwa applikabbli ghall-kaz huwa dak li gie miftiehem bil-miktub.

Illi f'dan l-isfond jinghad li l-asserzjoni tat-Tribunal Industrijali li mexa fuq dak li huwa sejjah bhala "*gentleman's agreement* jew inkella *"understandings"* ma ghandux applikazzjojni fil-Ligi Maltija, u dan peress li dak li huwa relevanti huwa dak li effettivament gie miftiehem bejn il-partijiet u la darba l-istess partijiet qablu li dak miftiehem kellu jigi redatt in iskritt huwa dak li ghandu japplika. Anke jekk ghall-mument jigi njorat dan kollu, jinghad ukoll li kieku verament din il-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni li l-partijiet effettivament hasbu f'dan il-kaz specifikatament u jigi ghall-mument koncess li setghu b'xi mod jaqblu li dan il-kaz kellu jkun eskluz mill-applikazzjoni tal-Ftehim Kollettiv il-gdid, huwa naturali li wiehed jippresumi, li eccezzjoni ta' tali portata, li skont l-appellat intlahaq ftehim dwarha, (u allura tmur oltre minn dak li huwa *"gentleman's agreement"* jew *"understanding")* kellha wkoll tigi redatta in iskritt, u dan sabiex tali parti tal-ftehim jigi ndikat bl-istess mod li gie redatt il-Ftehim Kollettiv kollu. Izda dan ma sarx u allura dan juri bic-car li l-unika Ftehim Kollettiv applikabbli kien dak vigenti u l-klawsoli tal-istess kellhom japplikaw kollha ghall-kazijiet in

kwistjoni nkluz dak odjern li qam waqt li l-istess Ftehim Kollettiv tal-20 ta’ Novembru 2002 kien *in vigore*.

Illi dwar il-punt li qajjem l-appellat ghall-ewwel aggravju tal-appellant li dan ifisser li tali klawsola numru 27 (l) li tali Ftehim Kollettiv kien qed jigi applikat retroattivament ghaliex il-kaz qam waqt li l-Ftehim Kollettiv antik kien applikabbli, jinghad li din il-vantazzjoni lanqas ma hija korretta peress li l-istess artikolu 27 (l) jirreferi ghall-fatt li *“an employee …has been found guilty by a court of law after the appeal stage and sentenced to a term of imprisonment exceeding one (1) month, may be automatically discharged from the Bank's employment by the Bank's Executive Committee after taking cognizance solely of the facts as proved before the court of law. This sub-clause will only apply to criminal offences which in way reflect on the employee's integrity, honesty and trustworthiness and render him unsuitable as a bank employee”.* Dan ifisser li dak li kien u huwa relevanti ghall-applikazzjoni tal-istess klawsola huwa li jkun hemm decizjoni finali mill-Qorti indikata li ssib lill-istess impjegat hati ta’ offiza serja u tan-natura hemm deskritta u li l-pieni ghaliha tkun dik indikata fl-istess jew izjed. Dan huwa dak li gara f’dan il-kaz ghaliex id-decizjoni kienet effettivament moghtija fis-17 ta’ Lulju 2003 u allura fiz-zmien meta l-Ftehim Kollettiv tal-20 ta’ Novembru 2002 kien applikabbli u allura jsegwi li tali disposizzjoni ma gietx applikata retroattivament izda tempestivament ghall-kaz li sehh fiz-zmien tal-applikazzjoni taghha.

Illi jinghad ukoll li kontrarjament ghal dak indikat mill-appellat din ma hijiex lanqas kwistjoni ta’ semplici interpretazzjoni tax-xhieda li l-Tribunal Industrijali kellu quddiemu, izda kwistjoni ta’ applikazzjoni u *semmai* interpretazzjoni legali tal-principji generali tal-kuntratti li kien jimpingu fuq id-decizjoni ta’ liema Ftehim Kollettiv kien japplika ghall-kaz in ezami, inkluz kif ghandu jigi redatt Ftehim, u fl-ahharnett kif ghandu jigi applikat jew interpretat kuntratt, specjalment wiehed li l-partijiet qablu li kellu jigi redatt in iskritt. Ghalhekk din ma hijiex kwistjoni li hawn il-Qorti qed tigi mitluba sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha fl-element ta’ evalwazzjoni ta’ provi

ghal dak li huwa fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali, izda hija kwistjoni ta' applikazzjoni ta' Ligi kif hawn asserita u affermata. Ghal grazzja tal-argument pero' jinghad ukoll li anke hekk kien il-kaz, l-apprezzament tal-provi kif saru mill-istess Tribunal Industrijali huma wkoll zbaljati peress li din il-Qorti thoss li tenut kont tal-implikazzjoni cari tal-kaz, huwa wisq inverosimili li jkun hemm ftehim tal-portata allegata mill-appellat li ma jigix indikat in iskritt meta kien qed jigi negozjat u redatt Ftehim Kollettiv gdid li kien ser jirregola l-posizzjoni tal-kontraenti u tal-impjegati relattivi. Dan apparti li l-ezami li ghamel l-istess Tribunal Industrijali jmur kontra l-principji li jirregolaw il-Ligi Maltija dwar interpretazzjoni ta' kuntratti, gja fuq indikati, inkluz dak li meta l-partijiet jaqblu li jnizzlu l-ftehim taghhom bil-miktub, kif ma hemmx dubju li hekk qablu, dak li huwa vinkolanti ghalihom huwa dak li jigi hekk miktub. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li l-effett tal-Ftehim Kollettiv u in partikolari l-paragrafu 27 (l) huwa li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fiha nfisha u wahedha tikkostitwixxi raguni sufficjenti ghat-tkeccija awtomatika u dan peress li r-reat li tieghu l-istess imputat instab hati tieghu kien wiehed *"which in way reflect on the employee's integrity, honesty and trustworthiness and render him unsuitable as a bank employee".* Din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju dwar dan u ghalhekk il-Bank appellat seta` jagixxi sabiex jittermina l-impjieg tal-appellat kif fil-fatt ghamel fid-29 ta' Lulju 2003. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Illi in vista ta' dan, din il-Qorti thoss li ma hemmx bzonn tidhol fl-aggravji numru 3 sa 5, ghaliex la darba din il-Qorti qed issib li t-tkeccija tal-appellat mill-Bank appellanti fid-29 ta' Lulju 2003 kienet wahda ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-Ligi, mela allura ma hemmx il-htiega li hija tidhol fil-kwistjoni ta' *re-instatement*, l-allegazzjoni ta' *ultra petita* u frustrazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg. Pero' din il-Qorti thoss li ghandha tghid li anke tenut kont tal-**artikolu 81 tal-Kap. 452,** tali talba ta' *re-instatement* ma kellhiex fl-ebda kaz tigi milqugha, kemm ghaliex lanqas kienet mitluba fir-rikors promotorju, u kif ukoll ghaliex tenut kont

tal-gravita` tal-kaz ezaminat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, tali agir kien inkompattibli mal-impjieg tal-appellat bhala mpjegat tal-Bank, u dan huwa rifless ironikament mid-decizjoni tal-istess Tribunal Industrijali li ta kumpens simboliku ta' ewro ghalkemm l-istess appellat dam nieqes mix-xoghol. Hawn jidher li T-Tribunal Industrijali ma hax in konsiderazzjoni dak li hemm provdut fl-**artikolu 81 (2) (a) u (b) tal-Kap. 452.** F'dan il-kuntest jidher li fi kwalunkwe kaz it-tielet aggravju huwa ben fondat. L-istess jista' jinghad dwar il-hames aggravju tenut kont tal-fatt li l-appellat kien impossibilitat minhabba l-piena inflitta fuqu mill-Qorti li fi kwalunkwe kaz jattendi ghax-xoghol u ghalhekk anke dan l-aggravju jidher li huwa gustifikat.

Illi ghalhekk l-appell tal-Bank appellanti qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat Joseph Vella kif kontenuta fir-risposta tieghu datata 2 ta' Novembru 2009, **tilqa' l-appell interpost mill-Bank appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 13 ta' Ottubru 2009** kollox fil-kuntest ta' dak hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi d-decizjoni Numru 1965 tat-Tribunal Industrijali fit-Tilwima tax-Xoghol fl-ismijiet **"Joseph Vella u Bank of Valletta plc"** (Kaz. Numru 1821) deciza fis-6 ta' Ottubru 2009 hawn appellata hija nulla u bla effett ghall- finijiet u effetti kollha tal-ligi u qed tigi hawn revokata u sostitwita b'decizjoni illi t-temm ta' mpjieg tal-appellat Vella mill-Bank appellant kienet ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi peress illi kienet konformi mal-ligi nkwantu skont il-Ftehim Kollettiv vigenti fiz-zmien materjali.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellat Joseph Vella.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------